# BirdLife Malta fi Sqallija mal-Legambiente

## Il-bidu ta' serje ta' żjarat ta' skambju li jinkludu attivitajiet kulturali, storiċi u marbutin man-natura

Il-Kumitat tal-Attivitajiet ta' BirdLife Malta qed jingħaqad mal-Legambiente fir-reġjun ta' Canicattini Bagni fi Sqallija biex jorganizza numru ta' żjarat ta' skambju li jinkludu attivitajiet kulturali, storiċi u marbutin man-natura.

Membri tal-grupp u kollegi tagħhom dan l-aħħar għamlu żjara ta' ġurnata fir-reġjun ta' Canicattini Bagni. Canicattini Bagni hija muniċipalità fil-Provinċja ta' Siracusa li tinsab madwar 190km fix-Xlokk ta' Palermo u madwar 20km fil-Lbiċ ta' Siracusa. L-ewwel waqfa kienet fil-Bosco di Mandredonna fejn il-parteċipanti għamlu mixja fin-natura li toffri din il-foresta li hija magħrufa għad-diversità tal-flora tagħha. Tul il-mixja l-membri tal-grupp osservaw varjetà ta' speċi. Il-ġurnata kienet tinkludi wkoll ħin għall-ġbir tal-faqqiegħ. L-espert ta' Legambiente l-Prof. Paolino Uccello akkumpanja lill-grupp u fissrilhom dwar it-tipi differenti ta' faqqiegħ li jikbru fis-selvaġġ u li setgħu jinġabru.

Wara ikla tradizzjonali f'wieħed mill-aħjar irziezet tal-agrituriżmu f'dawn l-inħawi, il-grupp żar il-Pont ta' San Alfano mibni fl-1796 – attrazzjoni popolari f'din iz-zona. Wara, il-parteċipanti żaru ċ-ċentru storiku ta' Canicattini Bagni li hija belt pjuttost żgħira ta' ftit aktar minn 7,000 abitant. Din il-belt hija mlaqqma bħala l-Belt tal-Libertà u tal-Mużika u hija magħrufa għall-istorja tagħha, il-kultura u t-tradizzjonijiet.

Imbagħad kien imiss żjara lill-Museo del Tessuto, dell'Emigrante e della Medicina Popolare. F'dan il-mużew hemm esebiti ħafna riproduzzjonijiet ta' djar antiki u *workshops* li hemm fil-villaġġ, u li jgħinu lill-viżitaturi jiskopru aktar u jifhmu aħjar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tal-inħawi. Inħarsu 'l quddiem lejn aktar vjaġġi bħal dawn f'dan ir-reġjun, b'kollaborazzjoni mal-imsieħba tagħna tal-Legambiente.

Dettalji aġġornati kontinwament dwar l-attivitajiet li torganizza BirdLife Malta jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tagħna fl-indirizz: https://birdlifemalta.org/events. Membri ta' BirdLife Malta jingħataw prijorità f'dawn l-attivitajiet. Dawk li jixtiequ jsiru membri jistgħu jagħmlu dan billi jżuru din il-paġna: https://birdlifemalta.org/become-member.

**TMIEM**



**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-3v6UD1waQy**

1. Ritratt tal-grupp li ħa sehem fiż-żjara ta' ġurnata fi Sqallija meħud fir-razzett tal-agrituriżmu (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. L-attività tal-ġbir tal-faqqiegħ (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. Il-Ponte di San Alfano (Ritratt ta' Eleni Karatzia)
4. Il-foresta Bosco di Mandredonna (Ritratt ta' Eleni Karatzia)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/ETGj4GGiaww**

- Iż-żjara ta' ġurnata fi Sqallija (Filmati u muntaġġ ta' Eleni Karatzia)

